MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 252/2008

**A B f'isimha personalment u b'digriet tal-20 ta' Gunju 2008 giet nominata wkoll bhala kuratrici ad litem tal-minuri R B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-erbatax (14) ta' Awissu tas-sena elfejn u erbgha (2004) skond certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. NG 1;
2. Illi minn dan iz-zwieg huma ghandhom tifla wahda R li twieldet fis-sitta u ghoxrin (26) ta Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006).

3. Illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba ingurji eccessi, theddid u swat komessi mill-intimat fuq martu u htija ta’ dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;
4. Illi r-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) anness u mmarkat Dok. NG2;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni ta’ bejn il-konjugi B minhabba ingurji, eccessi, theddid u swat komessi mill-intimat fuq martu.

2. Tafda l-kura u kustodja tat-tifla minuri R f’idejn ir-rikorrenti;

3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti ghaliha personalment u/jew ghal imsemmi minuri dik ir-retta alimentarja li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skond il-bzonnijiet tal-attrici u l-mezzi ta’ zewgha;

4. Ixxolji l-kommunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess kommunjoni f’zewgt porzjonijiet li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat billi tikkunsidra t-tortijiet kommessi mill-konvenut b’konsegwenza ta’ liema z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment, okkorrendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

5. Tikkundanna lill-intimat jirritorna lir-rikorrenti l-assi parafernali kollha taghha;

6. Tawtorizza lil esponenti tirriverti ghal kunjomha ta’ xebba, u cioe` Pace;

7. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 u / jew 50 sa 55 tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimat li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-eccipjent jopponi ghat-talba tal-attrici ghal dik li jirrigwarda l-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti fis-sens li l-htija ghas-separazzjoni hija unikament tal-attrici stante illi **kienet hi** li rrendiet ruhha hatja ta' eccessi, sevizzi u ingurji gravi versu l-konvenut kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

2. Illi l-konvenut jichad kategorikament illi huwa qatt kien hati ta' ingurji, eccess, theddid u swat kommessi kontra l-attrici;

3. Illi l-konvenut jopponi t-tieni talba tal-attrici fejn talbet il-kura u kustodja tat-tifla minuri R tkun f'idejn ir-rikorrenti wahedha, jsostni li fl-ahjar interess tal-minuri l-kura l-kustodja ta' R ghandha tkun wahda kongunta;

4. Illi l-konvenut jaqbel li din l-Onorabbli Qorti ghandha tiffissa r-retta alimentarja li huwa ghandu jhallas ghat-tifla tieghu;

5. Illi l-konvenut jopponi ghat-talba ghall-manteniment ghall-attrici stante illi z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba t-tortijiet unikament imputabbli lilha, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;

6. Illi l-konvenut jaqbel illi l-kommunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ghandha tigi xjolta u llikwidata. Huwa jaqbel ukoll illi l-kommunjoni tal-akkwisti ghandha tigi maqsuma f'zewg porzjonijiet mhux bil-fors indaqs billi tikkonsidra t-tortijiet kommessi mill-istess attrici;

7. Illi l-konvenut ma joggezzjonax ghall-hames talba attrici;

8. Illi s-seba` talba attrici ghandha wkoll tigi michuda minn din l-Onorabbli Qorti stante li m'ghandhomx jigu applikati kontrih is-sanzjonijiet previsti fl-artikoli msemmija izda dawn ghandhom jigu applikati kontra l-attrici;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri u b'riserva ghall-kontro talba tieghu pprezentata kontestwalment mal-prezenti kontra l-attrici.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut illi permezz taghha ppremetta :

1. Illi l-partijiet zzewwgu fl-14 ta' Awwissu tas-sena 2004, u minn dan iz-zwieg twieldet R B fis-26 ta' Marzu tas-sena 2006;

2. Illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabilment minhabba tortijiet imputabbli unikament lil attrici rikonvenuta fosthom, eccessi, sevizzi u offizi gravi fil-konfront tal-konvenut, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

3. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex jipprocedu ghas-separazzjoni personali, wara li ghaddew mill-process ta' medjazzjoni, liema medjazzjoni ma tatx frott;

4. Illi l-attrici rikonvenuta abbandunat id-dar matrimonjali l-fuq minn sena ilu u hadet maghha lit-tifla minuri, u di piu` l-konvenuta ilu disa (9) xhur shah ma jara lit-tifla tieghu;

Talab li l-attrici rikonvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici rikonvenuta peress li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lilha;

2. Tghaddi sabiex ixxolji u tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet f'porzjonijiet mhux bil-fors indaqs;

3. Tapplika kontra l-attrici rikonvenuta s-sanzjonijiet kontemplati u elenkati fl-artikoli 48 u jew 50 sa 55 tal-Kodici Civili;

4. Tordna li l-kura u kustodja tat-tifla minuri R tkun wahda kongunta bejn il-partijiet u dan fl-ahjar interess tal-wild naturali;

5. Tiffissa l-manteniment li l-konvenut ghandu jghaddi lill-attrici rikonvenuta ghall-bzonnijiet tal-istess wild minuri;

6. Tiffissa modalitajiet ta' access ghall-konvenut, sabiex huwa jkun jista` jerga` jibda jara lill-bintu, u dan dejjem fl-interess tal-istess minuri li ilha ma' jkollha kuntatt ma' missierha ghal dawn l-ahhar disa` (9) xhur;

Bl-ispejjes kontra l-attrici rikonvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonant;

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi l-esponenti taqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet imma mhux ghar-ragunijiet imputabbli lilha. Illi ghat-tkissir taz-zwieg huwa responsabbli unikanent il-konvenuta rikonvenzjonant li rrenda ruhu hati kontra l-esponenti ta' eccessi, theddid u swat kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi l-esponenti taqbel li tigi xolta u likwidata l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b'dan meta ssir il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti jittiehdu in konsiderazzjoni t-tortijiet kommessi mill-konvenut rikonvenzjonant C B fuqha;

3. Illi l-esponenti topponi ghat-tielet talba tal-konvenut rikonvenzjonant u dan stante li l-esponenti ma hijiex hatja tal-ksur taz-zwieg ta' bejn il-partijiet u ghaldaqstant ma ghandhomx jigu applikati kontriha s-sanzjonijiet imsemmija f'din it-talba;

4. Illi l-esponenti topponi ghat-talba li l-kura u l-kustodja tal-minuri R tkun wahda kongunta bejn il-partijiet u dan ghar-ragunijiet li ser jirrizultaw ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi l-esponenti taqbel li l-konvenut rikonvenzjonant ghandu jghaddi manteniment ghal minuri. Illi hija taghmel riferenza ghat-tielet talba tar-rikors guramentat taghha u zzomm ferm ghat-talba taghha li tigi akkordata manteniment ghaliha personalment;

6. Illi l-esponenti topponi ghas-sitt talba u dan ghar-ragunijiet li sejrin jigu mressqa lil dina l-Onorabbli Qorti tul it-trattazzjoni tal-kawza;

7. Illi l-esponenti topponi ghall-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet b'kontro-talba da parti tal-intimat

sabiex, fost ohrajn, il-kura u l-kustodja tal-minuri R tigi fdata f'idejn iz-zewg partijiet b'mod kongunt.

**VERZJONI RIKORRENTI**

Illi permezz tal-affidavit taghha r-rikorrenti tghid li ltaqghet mal-intimat fis-sena 2002 u zzewgu fis-sena 2004. Tghid li hajjithom kienet dejjem karatterizzata mill-glied u perjodi fejn ma jitkellmux pero' wara z-zwieg, is-sitwazzjoni marret ghall-aghar peress li l-intimat beda anke jheddidha u kien aggressiv. Ried li dejjem tghaddi tieghu u mhux l-ewwel darba li baxxiet rasha biex tipprova tevita l-glied. Tghid li kienet gejja u sejra ghand il-genituri taghha tant li l-intimat lestielha kamra ghand missierha biex ikollha fejn tghix. Tghid li qatt ma kienet taf fejn hi mal-intimat u li r-rispett ma kienx jezisti. Wara li twieldet il-miniri, s-sitwazzjoni baqghet l-istess.

Peress li ma setghetx torbot fuqu, r-rikorrenti spiccat tghix ghand il-genituri taghha ghaliex riedet li jkollha post fejn tista' sserrah rasha li ghandha kollox. L-intimat ma setax joffri dan. Barra minn hekk, l-intimat kien dejjem kwazi bla xoghol u kien ghalhekk li r-rikorrenti kellha terga' tohrog tahdem wara t-twelid tal-minuri, din ma kienitx ghazla izda necessita'.

Tghid li qabel iz-zwieg dahlet ghal zewg loans, wahda biex tghin lilu u l-ohra biex inxtrat vettura li ntuzat dejjem mill-intimat ghax hi ma tafx issuq. Tghid li dahhlet linja tat-telefon fid-dar tieghu ghax ma setax jaghmilha f'ismu u li dwar tali linja li kienet tintuza minnu biss, ghadha qed thallas kont ta' erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450). Izzid tghid ukoll li dahhalha f'hafna dejn b'dan li kellha sahansitra tbiegh xi affarijiet taghha. Kienet ir-rikorrenti li mantniet lil bintha. Kien hemm zmien fejn kien l-intimat stess li ried is-separazzjoni u kien hemm zmien ukoll fejn ried jerga' jirranga. Ir-relazzjoni taghhom hija deskritta bhala wahda volatili hafna b'dan li r-rikorrenti kienet tittama li l-affarijiet imorru ghall-ahjar. Ghamlet weghda maghha nnifisha li dan kien ser ikun l-ahhar cans li taghtih. F'dak il-weekend stess, il-partijiet iggieldu tant li r-rikorrenti tablet lil missierha jmur ghaliha. L-intimat beda

jghajjat u jghid kliem kontra missierha u f'daqqa wahda qabad u tefa' l-*pushchair* u qasrija minn sular gholi ghal isfel. Ha lit-tifla u dahhalha gewwa u proprju minhabba f'hekk, ir-rikorrenti kienet kostretta tibqa' d-dar minhabba l-minuri. Missierha mar l-ghassa jaghmel rapport. Talbitu biex ihalliha titlaq izda baqa' jirrifjuta. Pruvat tkellmu bil-kelma t-tajba izda qallha li t-tifla tohrog minn ghandu biss bil-Qorti. Ma sabitx okkazjoni biex taqbad it-tifla u tahrab. Heddidha li ser jihdilha t-tifla u riedha bilfors tmur il-Libja mieghu. Kien biss permezz tal-intervent tal-pulizija li r-rikorrenti rnexxielha tiehu lura t-tifla. Wara dan kollu, mar ghand il-genituri taghha jhabbat il-bieb izda r-rikorrenti qaltlu li ma kienx hemm cans li terga' tirranga mieghu wara li heddidha bl-aktar persuna ghal qalbha – t-tifla. Bdiet tghix fil-biza' li ser jihdilha lit-tifla. Darba fost l-ohrajn sabhom barra u hadilha t-tifla u dahhalha gol-karozza. Minhabba f'hekk, ir-rikorrenti ma kellhiex ghazla ohra hlief li tidhol fil-vettura. Infurmaha li kull ma ried kien li jara lit-tifla u min-naha taghha hi spjegatlu li kien spicca kollox bejniethom. Spiccaw biex iggieldu b'dan li l-intimat kien vjolenti maghha, spiccat b'dahra f'nofs ta' triq u kellhom ikunu n-nies barranin li nzertaw ghaddejjin fit-triq li ghenuha. Gew il-pulizija u haduh l-ghassa filwaqt li dawn in-nies li ma kienitx taf imma li waqfu jaghtuha l-ghajnuna haduha d-dar.

Segwiha l-Birgu, kien icempel hafna drabi, daqqa jitkellem bil-hlewwa u daqqa bit-theddid izda r-rikorrenti ma riditx u ma setghetx terga' tafdah.

Sussegwentement beda jara lit-tifla l-Appogg u beda jhallas manteniment ta' €186.35 fix-xahar. Rega' kien hemm sensiela ta' theddid, inkluz li ser jiehu lill-minuri barra mill-pajjiz u li kien ser jaghmel xi haga lil missierha. Segwihom ukoll ir-Rabat fejn prova jiehu lit-tifla minn got-tieqa u naturalment il-partijiet spiccaw l-ghassa. Taghlaq l-affidavit taghha billi tghid li spiccat tiddejjaq tohrog barra minhabba l-hsieb li ssibu ma' wiccha u tinqala' xi storja.

Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-intimat inghata diversi opportunitajiet sabiex iressaq il-provi tieghu, dan baqa'

qatt ma ghamlu u ghalhekk, din l-istess Qorti hija sprovvista mill-verzjoni tal-fatti tal-istess intimat.

**IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM IL-QORTI**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata t-30 ta' Settembru 2008[1] fejn fost ohrajn, l-intimat ammetta li bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Anthony Pace wegghu bi kliem, b'gesti jew b'xi mod iehor, li bl-imgieba tieghu ikkaguna lill-imsemmija persuna biza' li ser tintuza vjolenza kontriha u li gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lill-istess imsemmi Anthony Pace. L-intimat gie liberat bil-kondizzjoni li ma jikkomettix reat iehor sa' zmien sena u gie marbut b'obbligazzjoni personali taht penali ta' €350 ghal zmien tnax-il xahar sabiex ma jimmolestax u jivvessa lil Anthony Pace u lill-familja tieghu. Giet esebita wkoll kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata l-1 ta' Novembru 2007[2] kontra l-intimat fejn l-istess intimat gie lliberat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu. L-Ispettur Elton Taliana, permezz tax-xiehda tieghu datata l-15 ta' Marzu 2010[3] jipprezenta l-fedina penali tal-intimat, liema fedina penali turi sensiela ta' sejbien ta' htija fuq reati varji, inkluz ksur tal-kondizzjonijiet tal-liberta' provizorja fost ohrajn.

Permezz tax-xiehda tieghu, l-Spettur Elton Taliana[4] jipprezenta erba' rapporti li saru kontra l-intimat. Tlieta minnhom mir-rikorrenti filwaqt li r-raba' wiehed sar minn certu Sander Magro[5]. Imbaghad, permezz tax-xiehda tieghu, l-Spettur Nikolai Sant[6] ipprezenta erba' rapporti

[1] Esebita a fol 43 tal-process

[2] Esebita a fol 196 tal-process

[3] Esebita a fol 214 tal-process

[4] Ara a fol 78 tal-process

[5] Ara Dok. PUL1 – PUL 4 esebiti a fol 82-90

[6] Ara a fol 105 tal-process

ohra kontra l-intimat[7] u jiddikjara li ttiehdu passi ulterjuri fil-Qorti kontra l-intimat (b'referenza ghal Dok. PUL6) fuq talba ta' missier ir-rikorrenti.

Il-Qorti taghmel referenza ghal diversi *cuttings* tal-gazzetti fejn jirrizulta lil-intimat gie mixli b'xi reati izda in vista tal-fatt li kull akkuzat huwa prezunt li hu innocent qabel ma jinstab hati, il-Qorti ma tistax hlief li tiehu tali *cuttings* bhala prova li l-intimat kellu proceduri kontrih u xejn aktar. Sabiex il-Qorti tkun tista' ssemmi jew tiehu in konsiderazzjoni tali proceduri krimininali kontrih, wiehed necessarjament irid ikun konvint mill-htija tal-istess. Ghalhekk il-*cuttings* imsemmija ma jistghux jittiehdu bhala prova kontra l-intimat. Huma biss prova li l-istess intimat kellu proceduri ohra ghaddejjin. L-istess jista' jinghad ghall-akkuza prezentata mill-Spettur Elton Taliana fix-xiehda tieghu tal-15 ta' Marzu 2010 *stante* li tali akkuza hija biss prova ta' proceduri li ttiehdu kontra l-istess intimat u ma tipprova bl-ebda mod xi forma ta' htija, kif ukoll ghall-akkuzi prezentati mill-Spettur Bernard Spiteri waqt ix-xhieda tieghu datata l-11 ta' Ottubru 2010[8].

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Joseph Borg Cardona ghan-nom tal-Bank of Valletta li ipprezenta document relattiv ghall-kont bankarju wiehed f'isem l-intimat[9] u li sal-31 ta'Dicembru tas-sena 2008 kellu bilanc ta' €171.68. Permezz ta' "update" li saret fuq l-istess kont bankarju, jirrizulta li l-bilanc tal-intimat sat-18 ta' Mejju 2009 kien dak ta' €515.99. Jigi rilevat li din ix-xiehda hija l-unika prova li ressqet ir-rikorrenti ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-komunjoni tal-akkwisti.

## DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti u l-ewwel talba tal-intimat fil-kontro-talba tieghu, l-Qorti fl-ewwel lok taghmel

[7] Ara Dok. PUL5 – PUL8 esebiti a fol 107 – 120 tal-process

[8] Esebiti a fol 254 – 256 tal-process

[9] Dok. BOV1 esebit a fol 63 tal-process

referenza ghal Artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Il-Qorti, wara li rat il-provi kollha esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment u konsegwentement hemm lok ghall-pronunzja ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Dan qieghed jinghad anke in vista tal-fatt li minkejja l-moghdija taz-zmien, ir-rikorrent baqghet tibza mill-intimat, tant li meta s-*supervisor* tal-Agenzija Appogg ikun tard, hi tissakkar f'kamra biex ma tkunx f'kuntatt mal-intimat wahedha mal-minuri. Mill-assjem tal-provi prodotti mir-rikorrenti, inkluz izda mhux limitatament ghall-fedina penali tal-intimat, jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimat ghandu karattru aggressiv u li kien hemm sensiela ta' theddid, eccessi u ingurji li wasslu lill-istess rikorrenti sabiex titlob is-separazzjoni. Il-Qorti hija konvinta li kien proprju minhabba l-agir negattiv u aggressiv tal-intimat li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser. Ghalhekk, fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li m'ghandha ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-istess intimat.

## DWAR IT-TALBA TAL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI

Il-Qorti tirrileva li t-talba ta' kura u kustodja ghandha tigi determinata u deciza skond il-principju tal-ahjar interessi tal-minuri. Ir-rikorrenti tikkontendi li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata esklussivament f'idejha. Min-naha l-ohra, permezz tal-kontro-talba tieghu, l-intimat rikonvenzjonant jitlob li l-kura u l-kustodja tkun wahda kongunta.

Il-Qorti hija moralment konvinta li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li tkun fdata mar-rikorrenti ommha u dan anke in vista tal-fatt li minkejja li matul is-snin jidher li kien hemm aspett posittiv fil-mod ta’ kif kienet qed tirreagixxi l-minuri ghal missierha waqt l-access, l-istess intimat mhux konsistenti kif jagixxi fil-konfront ta’ bintu, ghalkemm dejjem wera interess fiha u li jaraha. Jirrizulta wkoll li l-istess missier donnu tilef l-interess fil-proceduri odjerni tant li naqas milli jressaq il-provi tieghu sabiex juri li hu kapaci jiehu hsieb il-minuri u jassumi r-responsabbilita’ ta’ missier idoneu. Tenut kont tal-fedina penali tal-intimat, li turi l-aspett aggressiv tieghu u tenut kont tal-fatt li jirrizulta li l-intimat m’ghandux aktar interess sabiex jipprova t-talbiet tieghu, il-Qorti thoss li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri tigi fdata f’idejn ir-rikorrenti b’mod esklussiv. Il-Qorti taghmilha cara li minkejja l-passat tal-intimat, il-minuri xorta wahda ghandha d-dritt li tara lil missierha tant li hekk kif jirrizulta mill-ahhar nota tal-Agenzija Appogg datata l-5 ta’ Frar 2013, l-access qieghed jigi ezercitat b’mod regolari. Pero’, tenut kont tal-aggressivita’ tal-intimat li lanqas biss kien kapaci li jirrezisti milli jaqbad argument mar-rikorrenti waqt l-access ghall-minuri (fil-bini tal-Agenzija Appogg), il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti ghandha tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri ad eskluzjoni tal-intimat, u dan fl-ahjar interessi tal-istess minuri.

## <u>DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHAR-RIKORRENTI</u>

L-attrici qieghda titlob manteniment ghaliha personalment pero’ ma tressaq ebda prova relatata mal-introjtu taghha jew ma’ xi fattur iehor li jista’ jghin lill-Qorti tiffissa somma ta’ manteniment jekk ikun il-kaz. Min-naha l-ohra jirrizulta li l-intimat m’ghandu ebda impjieg. Il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti qieghda terfa’ l-piz tal-familja b’mod esklussiv b’dan li qed taghmel milli tista’ sabiex tghajjex lill-minuri u tmantniha.

*Stante* li r-rikorrenti naqset milli tressaq provi konvincenti dwar l-introjtu taghha u *stante* li din il-Qorti m’ghandha

ebda mod ta’ kif tista’ tikkwantifika jew tiffissa xi forma ta’ manteniment ghar-rikorrenti, din it-talba ma tistax tigi milqugha.

**DWAR IT-TALBA GHALL-MANTENIMENT TAL-WILD**

Il-Qorti tirrileva li jirrizulta bl-aktar mod car li r-responsabbilita’ kollha relatata mal-minuri waqghet fuq ir-rikorrenti. F’dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John**[10]u **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[11]fejn saret referenza ghal:

Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

“***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

"***Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

Ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u

[10]Deciza nhar il-25 ta’ Gunju 2003 mill- Prim’Awla tal-Qorti Civili (Rik Gur 2668/1996)
[11] Deciza nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 mill- **Prim’Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "***jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom***."

Certament li l-obbligi mnizzla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet ta' “pendente lite”, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap 16, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri verso l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skont il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikoli ta' l-istess artikolu 20. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lil xulxin skont id-dettami tal-ligi, u skond il-kalkoli hemm indikati.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz odjern, jidher li l-intimat m’ghandux impjieg (ara x-xiehda ta’ Jennifer Debono bhala rapprezentanta tal-ETC[12] fejn iddikjarat li l-intimat m’ghandux impjieg u li ilu ma jahdem mill-15 ta’ Mejju 2009. Dan hu kkonfermat ukoll mill-*employment history* tal-istess intimat esebit[13]) pero’ dan ma jfissirx li legalment l-intimat jista’ jahrab mir-

[12] Ara x-xhieda taghha esebita a fol 203 tal-process

[13] Ara a fol 205 tal-process

responsabbilitajiet tieghu versu bintu li fil-frattemp trid tghix u tkompli b'hajjitha.

F'dan l-istadju il-Qorti tirrileva li n-norma ghal dak li jirrigwarda manteniment hija dik ta' madwar €200 fix-xahar oltre nofs l-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess wild. Tenut kont tal-fatt li l-intimat ma jahdimx u li r-rikorrenti ma ressqet ebda prova dwar l-introjtu taghha, il-Qorti thoss li l-manteniment li ghandu jigi mhallas mill-intimat versu l-minuri ghandu jkun dak ta' €200 fix-xahar oltre nofs l-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess wild. Tali manteniment jibqa' jithallas *di fermo* sakemm il-minuri jkollha tmintax –il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement li ssir maggorenni tkun qed tistudja fuq bazi *full-time*, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-intimat sakemm l-istess minuri tieqaf tistudja fuq bazi *full-time* jew tilhaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skond liema eventwalita' ssehh l-ewwel.

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-Qorti tirrileva li fil-mori tal-kawza, ghajr ghax-xhieda tar-rapprezentant tal-Bank of Valletta li ddikjara li hemm kont bankarju wiehed f'isem l-intimat, ma giet ipprezentata ebda prova ohra. Dan qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghax-xiehda tar-rapprezentanti ta' banek ohra li ddikjaraw li l-intimat m'ghandu ebda kont bankarju maghhom.

Permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha, r-rikorrent tikkontendi li formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti m'hemm xejn hlief vettura fuq isimha li kienet tintuza mill-intimat u li giet *scrapped* pero' tikkontendi li hemm penali u multi fl-ammont ta' €139.74 relatati mal-istess vettura. Tghid ukoll li kien hemm linja tat-telefon installata f'isimha b'kont pendent ta' Lm450 li tikkontendi li ghandu jibda jsejjah lill-intimat, izda jigi rilevat li l-istess rikorrenti naqset milli ggib prova ta' dak li qed tallega u tipprova tissustanzja dak li qed tghid. Fil-fatt, l-ebda kont tat-telefon ma gie esebit in atti u konsegwentement il-Qorti ma tistax

taghti ordni fis-sens li tali kont allegatament pendenti jithallas mill-intimat ghaliex prova ta’ tali kont ma tressqitx. L-istess jista’ jinghad ghall-penali u l-multi msemmija aktar ‘il fuq.

Ghalhekk in vista tac-cirkostanzi, l-Qorti thoss li ghandha xxolji l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b’dan li l-kont bankarju f’isem l-intimat bin-numru tal-kont 40015641443 ghandu jitqies bhala l-proprjeta’ taz-zewg partijiet u konsegwentement, ir-rikorrenti hija awtorizzata li tigbed nofs is-somma ta’ €515.99 u cioe’ l-ammont ta’ €257.99 mill-istess kont. F’kaz li jirrizulta li tali ammont m’ghadux fil-kont bankarju msemmi, allura l-intimat huwa ordnat li jhallas tali ammont lir-rikorrenti sa’ zmien mhux aktar minn xahar mid-data tal-prezenti. F’kaz li jirrizulta xi dejn li gie maghmul minn xi parti, tali dejn ghandu jithallas esklussivament minn dik il-parti li ghamlitu.

**<u>DWAR L-ASSI PARAFERNALI</u>**

Il-Qorti tirrileva li r-rikorrenti naqset milli ggib prova ta’ xi assi parafernali, tant li lanqas biss issemmi xejn fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha u konsegwentement, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba abbazi ta’ nuqqas ta’ provi.

**<u>DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLI 48 U 50 SA’ 55 KONTRA L-INTIMAT</u>**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b’donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(ċ) kull jedd ta’ parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta’

dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara aktar 'il fuq, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija imputabbli lill-intimat, u ghaldaqstant fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz, anke *stante* li ma hemm ebda prova relatata mal-komunjoni tal-akkwisti ghajr kont bankarju wiehed f'isem l-intimat, l-Qorti sejra tapplika l-Artikolu 48(1)(d) kontra l-intimat izda tichad it-talba ghal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-Artikoli l-ohra msemmija. Ghal dak li jirrigwarda l-kontro-talba da parti tal-intimat, *stante* li il-Qorti thoss li s-separazzjoni ta' bejn il-partijiet hija unikament imputabbli lill-istess intimat, allura m'hemmx lok li tali sanzjonijiet jigu applikati fil-konfront tar-rikorrenti u konsegwentement it-tielet talba tal-kontro-talba qed tigi michuda.

**<u>DWAR IT-TALBA GHALL-ACCESS</u>**

Illi l-Qorti taghmel referenza ghar-rikors tal-intimat datat l-14 ta' Novembru 2008 u d-digriet taghha (hekk kif diversament preseduta) tas-7 ta' Jannar 2009 fejn l-intimat inghata d-dritt ta' access kull nhar ta' Erbgha u nhar ta' Gimgha bejn it-3.30pm u l-4.30pm fil-bini tal-Agenzija Appogg, liema access irid ikun sorveljat minn persuna mqabbda mill-agenzija Appogg u fil-prezenza kontinwa tar-rikorrenti. Jigi rilevat li fil-mori tal-kawza, l-kwistjoni ta' access baqghet dejjem punt krucjali bejn il-partijiet. Dan jirrizulta wkoll min-nota tal-Agenzija Appogg datata d-9 ta' Gunju 2009 fejn gie dikjarat li f'okkazjoni minnhom l-intimat irrifjuta li jidhol fejn bintu ghax ma riedx li jkollu access supervizjonat u ghalhekk ghazel li jara lil bintu minn wara l-bieb minghajr ma kienet taf bil-prezenza tieghu filwaqt li f'okkazjoni ohra, l-access sehh normali pero' kien hemm theddid da parti tal-intimat versu missier ir-rikorrenti, minkejja li l-intimat kien ordnat ma javvicinax lill-istess nannu matern. Sussegwentement, l-Agenzija

Appogg iddikjarat li l-access beda jigi ezercitat b'aktar trankwillita pero' tali atmosfera ma damitx ghaliex permezz ta' nota ohra, l-istess Agenzija Appogg infurmat lill-Qorti li kien hemm diversi argumenti bejn il-partijiet tant li darba fost l-ohrajn l-access kellu jitwaqqaf. Kien hemm anke problemi mas-*supervisor* tal-istess Agenzija Appogg tant li gie deciz li dan jinbidel b'mod li ghall-access ma jkunx hemm l-istess *supervisor*.

Andreana Gellel, bhala *social worker* tal-Agenzija Appogg[14] tipprezenta *randon sample* ta' rapporti li hejjiet is-*supervisor* waqt l-access li kien jezercita l-intimat fil-bini tal-Agenzija Appogg. Tghid li fl-opinjoni professjonali taghha l-access m'ghandux isehh waqt li r-rikorrenti tkun prezenti, u dan anke sabiex jigu evitati battibekki bejn il-partijiet. Tghid ukoll li meta s-*supervisor* ikun tard, ir-rikorrenti u l-minuri joqghodu f'kamra ghalihom, b'dan li waqt is-sessjoni tal-11 ta' Novembru 2009, is-*supervisor* wasal tard u r-rikorrenti u l-minuri ssakkru fit-*toilet* ghaliex ir-rikorrenti ma thosshiex *safe*. Ir-rapporti kollha relatati mal-access tal-intimat huma wkoll esebiti in atti[15].

Sussegwentement, permezz ta' nota ohra intavolata da parti tal-Agenzija Appogg[16] gie dikjarat li sar progress kbir waqt l-access b'dan li l-minuri drat lil missierha u jidher li r-rapport ta' bejniethom huwa wiehed posittiv. Izda gie nnutat ukoll li l-minuri tipprova tinvolvi lir-rikorrenti ommha waqt l-istess imsemmi access izda din ma thosshiex komda tikkomunika mal-intimat u ghalhekk, tali fattur kien qed johloq problema waqt l-access, tant li kien hemm drabi fejn l-intimat telaq mill-access wara kwarta. L-Agenzija Appogg stqarret li *stante* li l-minuri tkun preparata li ser tara lil missierha, ma jhossux il-bzonn li l-omm tinvolvi ruhha.

---

[14] Ara x-xhieda taghha a fol 137 tal-process

[15] Ara Dok. AG1 –AG23 esebiti a fol 153 – 186 tal-process

[16] Liema nota hija esebita a fol 198 tal-process

Permezz ta’ nota ohra intavolata mill-Agenzija Appogg[17] gie dikjarat li l-intimat infurmhom li kellu jsiefer b’mod indefinit u li ma kellux aptit imur aktar ghall-access b’supervizjoni. L-ahhar seduta ta’ access inzammet fis-17 ta’ Frar 2010 b’dan li sal-5 ta’ Marzu 2010 (u cioe’ l-gurnata meta tali nota giet prezentata in atti), l-istess intimat ma kienx ghamel kuntatt sabiex jara lil bintu. Sussegwentement, permezz ta’ *email* datata t-13 ta’ Marzu 2010, Andreana Gellel bhala *social worker* fi hdan l-Agenzija Appogg, irrapportat li kien sar access ghall-minuri, pero’ d-durata tieghu kienet qasira b’dan li darba minnhom l-intimat qal lill-minuri sabiex tghid lill-ommha ssibilha missier iehor. Permezz tan-nota datata l-24 ta’ Marzu 2010[18] gie dikjarat li l-intimat, minkejja li qed izomm l-appuntament tal-access, qed ikun verbalment abbuziv lejn ir-rikorrenti fil-prezenza tal-minuri. Gie dikjarat ukoll li l-intimat infurmhom li kien ser isiefer fit-22 ta’ Marzu 2010 u li ghalhekk mhux ser imur aktar ghall-access. Wara tali nota, permezz ta’ digriet moghti minn din il-Qorti hekk kif diversament preseduta nhar it-30 ta’ Marzu 2010[19], l-access favur l-intimat gie sospiz. Wara rikors intavolat da parti tal-intimat, l-access rega’ gie attivat b’dan li il-Qorti hekk kif diversament preseduta, permezz ta’ digriet datat il-21 ta’ Lulju 2010[20], ordnat li l-access ghall-minuri jsir fil-bini tal-Agenzija Appogg taht supervizjoni ghal nofs siegha ghall-ewwel erba’ gimghat u sussegwentement ghal siegha. Ir-rikorrenti giet awtorizzata tirritorna lura d-dar bil-minuri f’kaz li l-intimat ikun tard ghall-access b’aktar minn ghaxar minuti.

Permezz ta’ nota ohra prezentata nhar it-30 ta’ Marzu 2011[21], l-Agenzija Appogg iddikjarat li l-access ghall-minuri kien qed isir b’mod regolari u li l-minuri tidhol

[17] Esebita a fol 211 tal-process

[18] Esebita a fol 222 tal-process

[19] Ara a fol 223 tal-process

[20] Esebit a fol 239 tal-process

[21] Esebita a fol 263 tal-process

ferhana ghall-access tant li tidher li tixtieq tqatta' hin ma' missierha, izda xorta baqghet tezisti l-problema tal-kummenti zejda da parti tieghu fil-konfront tar-rikorrenti. Permezz ta' nota datata l-14 ta' Settembru 2011[22], l-Agenzija Appogg ghamlet referenza ghall-*concerns* li qed juri l-intimat izda gie dikjarat fost ohrajn li l-minuri taghraf sew min hu missierha u li ghalhekk hemm bzonn li l-intimat jifhem li l-hin tal-access, anke jekk taht supervizjoni, jista' jahdem biex ikollu relazzjoni tajba ma' bintu.

Permezz tal-ahhar nota prezentata in atti da parti tal-Agenzija Appogg datata l-5 ta' Frar 2013[23], jirrizulta li l-access ghall-minuri da parti tal-intimat huwa regolari u li l-minuri qed turi li qed tiehu gost tqatta' hin ma' missierha. In vista ta' dan u in vista tan-noti kollha precedenti li ghalihom saret referenza ghall-fatt li kien hemm problemi relatati mal-prezenza tar-rikorrenti waqt l-access u in vista tad-dikjarazzjonijiet li l-minuri tkun kuntenta li tara lil missierha, l-Qorti thoss li l-prezenza tal-omm waqt l-access m'ghadhiex aktar necessarja. Pero' s-supervizjoni da parti tal-Agenzija Appogg tibqa' necessarja anke in vista tat-theddid u l-passat tal-intimat. *Stante* wkoll li jidher li l-access qieghed ikun ta' beneficcju ghall-istess minuri, l-Qorti thoss li tali access ghandu jkun awmentat ghal darbtejn fil-gimgha ta' siegha kull darba, liema access ghandu jigi ezercitat mill-missier fil-bini tal-Agenzija Appogg jew f'post iehor indikat mill-istess Agenzija Appogg dejjem taht is-supervizjoni tal-istess Agenzija.

**DECIDE**

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u l-ewwel talba tal-kontro-talba intavolata mill-intimat fis-sens li tiddikjara s-

[22] Esebita a fol 269 tal-process

[23] Esebita a fol 307 tal-process

separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika tal-intimat;

[2] Tilqa' it-tieni talba tar-rikorrenti u tafda il-kura u l-kustodja tal-minuri R esklussivament f'idejn ir-rikorrenti u konsegwentement tichad ir-raba' talba tal-kontro-talba;

[3] Tilqa' l-hames talba tal-kontro-talba u t-tielet talba tar-rikorrenti limitament ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-minuri u tiffissa manteniment li ghandu jithallas mill-intimat lir-rikorrenti kull xahar fis-somma ta' €200 *oltre* nofs l-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri izda tichad it-talba relatata mal-manteniment versu r-rikorrenti.

[4] Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti u t-tieni talba tal-kontro-talba b'dan li tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijieti hija xolta b'dan li r-rikorrenti hija awtorizzata tigbed nofs is-somma ta' €515.99 u cioe' l-ammont ta' €257.99 mill-kont bankarju tal-Bank of Valletta msemmi aktar 'il fuq f'isem l-intimat, b'dan li f'kaz li jirrizulta li tali ammont m'ghadux fil-kont bankarju msemmi, allura l-intimat huwa ordnat li jhallas tali ammont lir-rikorrenti sa' zmien mhux aktar minn xahar mid-data tal-prezenti. F'kaz li jirrizulta xi dejn li gie maghmul minn xi parti, tali dejn ghandu jithallas esklussivament minn dik il-parti li ghamlitu.
[5] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba;

[6] Tilqa' s-sitt talba u tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Pace;

[7] Tilqa' s-seba' talba limitatament ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 48(1)(d) fil-konfront tal-intimat u konsegwentement tichad it-tielet talba tal-kontro-talba.

Bl-ispejjez hekk kif mitluba kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------